DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/315

tal-25 ta' Frar 2015

li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi marbuta mal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N8 fil-Ġermanja

(notifikata bid-dokument C(2015) 1004

(It-test bil-Ġermaniż biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 dwar spezzjonijiet veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar kontrolli veterinarji u żootekniċi applikabbli fil-kummerċ intra-Komunitarju f'ċerti annimali ħajjin u prodotti bil-għan li jinkiseb is-suq intern ([2]), u partikolarment l-Artikolu 10(4) tagħha,

Billi:

(1) L-influwenza avjarja hi marda virali infettiva fl-għasafar, fosthom it-tjur. L-infezzjonijiet bil-vajrusis tal-influwenza tat-tjur fit-tjur domestiku jikkawżaw żewġ forom tal-marda li huma distinti mill-virulenza tagħhom. Il-forma b'patoġeniċità baxxa ġeneralment tikkawża biss sintomi ħfief, filwaqt li l-forma b'patoġeniċità għolja twassal għal mortalità kbira ferm fil-biċċa l-kbira tal-ispeċijiet tat-tjur. Din il-marda jaf tħalli impatt qawwi fuq il-profitabbiltà mit-trobbija tat-tjur.

(2) L-influwenza avjarja tinstab l-aktar fl-għasafar, iżda f'ċerti ċirkustanzi jaf ikun hemm infezzjonijiet ukoll fil-bnedmin minkejja li r-riskju hu ġeneralment baxx ħafna.

(3) Jekk tfaqqa' l-influwenza avjarja, hemm riskju li l-aġent tal-marda jixtered ma' stabbilimenti oħra fejn jinżammu t-tjur jew għasafar oħra mrobbijin. Minħabba f'hekk, din tista' tinfirex minn Stat Membru għal Stati Membri oħra jew għal pajjiżi terzi permezz ta' kummerċ tat-tjur ħajjin jew il-prodotti tagħhom.

(4) Id-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE ([3]) tistabbilixxi ċerti miżuri preventivi relatati mas-sorveljanza u s-sejbien kmieni tal-influwenza avjarja u l-miżuri minimi tal-kontroll li jridu jiġu applikati jekk tfaqqa' din il-marda fit-tjur tal-irziezet jew f'għasafar oħra mrobbijin. Dik id-Direttiva tistipula li jitwaqqfu żoni ta' protezzjoni u sorveljanza jekk tfaqqa' influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja.

(5) Il-Ġermanja għarrfet lill-Kummissjoni b'żewġ tifqigħat tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N8 f'azjendi mhux kummerċjali fejn jinżammu t-tjur f'Mecklenburg-Western Pomerania u din minnufih ħadet il-miżuri meħtieġa skont id-Direttiva 2005/94/KE, fost l-oħrajn it-twaqqif ta' żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, li għandhom jiġu definiti fil-Parti A u fil-Parti B tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

(6) Il-Kummissjoni eżaminat dawk il-miżuri b'kollaborazzjoni mal-Ġermanja, u ħarġet sodisfatta li l-fruntieri ta' dawk iż-żoni ta' protezzjoni u sorveljanza li stabbilixxiet l-awtorità kompetenti f'dak l-Istat Membru, jinsabu 'l bogħod biżżejjed mill-azjendi proprji fejn ġew ikkonfermati t-tifqigħat.

(7) Sabiex ma jkunx hemm xkiel bla bżonn għall-kummerċ fl-Unjoni u sabiex pajjiżi terzi ma jagħmlux ostakoli mhux ġustifikati għall-kummerċ, jeħtieġ li ż-żoni ta' protezzjoni u sorveljanza stabbiliti fir-rigward tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja fil-Ġermanja jiġu deskritti malajr fil-livell tal-Unjoni

([1]) ĠU L 395, 30.12.1989, p. 13.
([2]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29.
([3]) Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar miżuri Komunitarji għall-kontroll tal-influwenza tat-tjur (ĠU L 10, 14.1.2006, p. 16).

(8) Għaldaqstant, iż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza fil-Ġermanja, fejn qed jiġu applikati l-miżuri ta' kontroll għas-saħħa tal-annimali stipulati fid-Deċiżjoni 2005/94/KE, għandhom ikunu ddefiniti f'din id-Deċiżjoni u t-tul ta' dik ir-reġjonalizzazzjoni għandu jiġi stipulat.

(9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ġermanja għandha tiżgura li ż-żoni ta' protezzjoni u sorveljanza stabbiliti skont l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2005/94/KE jinkludu mill-inqas iż-żoni elenkati fil-Parti A u fil-Parti B tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Frar 2015.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

PARTI A

Iż-żoni ta' protezzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 1:

ISO Kodiċi tal-Pajjiż	Stat Membru	Kodiċi (jekk inhu disponibbli)	Isem	Id-data sa meta applikabbli skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva 2005/94/KE
DE	**Il-Ġermanja**	**Kodiċi postali**	**Żona li tinkludi:**	**16.2.2015**
		Mecklenburg- Western Pomerania		
		17389	Fil-belt ta' Anklam: — iż-żona tal-belt ta' Anklam — il-parti ta' Gellendin	
		17390	Fil-muniċipalità ta' Murchin, il-parti ta' Relzow	

PARTI B

Iż-żona ta' sorveljanza kif jissemma fl-Artikolu 1:

ISO Kodiċi tal-Pajjiż	Stat Membru	Kodiċi (jekk inhu disponibbli)	Isem	Id-data sa meta applikabbli skont l-Artikolu 31 tad-Direttiva 2005/94/KE
DE	**Il-Ġermanja**	**Kodiċi postali**	**Żona li tinkludi:**	**25.2.2015**
		Mecklenburg- Western Pomerania		
		17389	Fil-belt ta' Anklam, il-partijiet: — Pelsin — Stretense	
		17390	Fil-muniċipalità ta' Groß Polzin, il-partijiet li ġejjin: — Groß Polzin — Klein Polzin — Konsages — Quilow	
		17390	Fil-muniċipalità ta' Klein Bünzow, il-partijiet li ġejjin: — Groß Bünzow — Klein Bünzow — Klitschendorf — Ramitzow — Salchow	

ISO Kodiċi tal-Pajjiż	Stat Membru	Kodiċi (jekk inhu disponibbli)	Isem	Id-data sa meta applikabbli skont l-Artikolu 31 tad-Direttiva 2005/94/KE
		17390	Fil-muniċipalità ta' Murchin, il-partijiet li ġejjin: — Johanneshof — Libnow — Murchin — Pinnow	
		17390	Fil-muniċipalità ta' Rubkow, il-partijiet li ġejjin: — Bömitz — Daugzin — Krenzow — Rubkow — Zarrentin	
		17390	Fil-muniċipalità ta' Ziethen, il-partijiet li ġejjin: — Jargelin — Menzlin — Ziethen	
		17391	Fil-muniċipalità ta' Medow, il-parti ta' Nerdin	
		17391	Il-muniċipalità ta' Postlow	
		17391	Fil-muniċipalità ta' Stolpe, il-partijiet li ġejjin: — Neuhof — Stolpe an der Peene	
		17392	Il-muniċipalità ta' Blesewitz	
		17392	Il-muniċipalità ta' Butzow	
		17392	Fil-muniċipalità ta' Neuenkirchen, il-partijiet: — Müggenburg — Neuenkirchen	
		17392	Fil-muniċipalità ta' Sarnow, il-parti ta' Panschow	
		17398	Il-muniċipalità ta' Bargischow	
		17398	Fil-muniċipalità ta' Bugewitz, il-partijiet li ġejjin: — Bugewitz — Kamp — Lucienhof — Rosenhagen	

ISO Kodiċi tal-Pajjiż	Stat Membru	Kodiċi (jekk inhu disponibbli)	Isem	Id-data sa meta applikabbli skont l-Artikolu 31 tad-Direttiva 2005/94/KE
		17398	Fil-muniċipalità ta' Ducherow, il-parti ta' Busow	
		17398	Il-muniċipalità ta' Neu-Kosenow	
		17398	Il-muniċipalità ta' Rossin	
		17406	Fil-muniċipalità ta' Usedom, il-partijiet li ġejjin: — Kölpin — Zecherin	
		17440	Fil-muniċipalità ta' Buggenhagen, il-partijiet li ġejjin: — Klotzow — Wangelkow	